**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru tmenin (80) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2017, fis-6.18pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

**80.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw.

**80.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Minkejja li l-minuti kienu mgħoddija lill-kunsillieri mal-Agenda sitt ijiem qabel il-laqgħa, dawn ġew moqrija mis-SE u sarulhom dawn il-korrezzjonijiet matul il-laqgħa:

79.03 It-tielet paragrafu l-ewwel sentenza wara l-kelma 'mis-Sindku' iddaħħlet 'il-Viċi Sindku', u inqatgħu il-kelmiet 'tliet membri oħra' u ddaħħlu 'Kunsillier responsabbli mill-Finanzi, mir-Relazzjonijiet Pubbliċi u membru ieħor'.

79.03 Is-sitt paragrafu, qabel l-ewwel kelma 'is-sidien' iddaħħlet il-frażi 'Issemma' l-fatt illi', wara l-kelmiet 'tal-Partit Laburista' inqatgħu il-kelmiet 'ħarbtu r-rutina' u ddaħħlu 'żiedu max-xogħol li jagħmel il-KLM, u inqatgħu 'peress li kien hemm bosta li raqdu barra l-uffiċċju biex jieħdu l-aktar postijiet vantaġġjati'.

79.03 Id-disa' paragrafu fl-ewwel sentenza wara l-kelma 'illi' iddaħħlu 'ġiet infurmata mill-President tas-SMMTĠ li' u inqatgħu il-kelmiet 'se ssir' u iddaħħlu 'ġiet posposta għall-'

79.03 L-aħħar paragrafu wara l-ewwel kelma 'Is-Sindku' iddaħħlet il-frażi 'tkellmet dwar Jum l-Imqabba fejn qalet' u wara t-tielet kelma 'illi' iddaħħlu 'ġejna infurmati illi' u mil-bidu tat-tieni sentenza inqatgħu 'Għaldaqstant Charlene Zammit' u ddaħħlet 'Hija' u wara l-kelma 'qalet' iddaħħlet il-kelma 'ukoll' u bejn il-kelmiet 'se' u 'jsir' iddaħħlet il-kelma 'jibqa' u wara l-kelma 'soċjetajiet' iddaħħlet il-frażi 'billi mhux qed ikun hawn konkorrenza għalih'. Fit-tielet sentenza inqatgħu il-kelma 'xorta għal' u iddaħħlu'soċjetajiet għal' u inqatgħet il-kelma 'differenti' u ddaħet 'oħra'.

Il-minuti għaddew għal vot u kienu proposti minn Grace Marie Mallia u sekondati minn Anita Farrugia u għaddew unanimament.

**80.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku kienet talbet sabiex l-item **80.05** tal-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ma' jiġix eżawrit f'din l-agenda peress li kien approvat fil-laqgħa preċedenti.

Charlene Zammit qalet illi l-KLM se jara li jitneħħa l-ħaxix ħażin minn quddiem ix-xatba tal-ajruport fi Triq tas-Sejba.

Charlene Zammit talbet illi ssir laqgħa mal-Ministru l-ġdid dwar it-toroq fil-preżenza tal-Perit tal-KLM.

Is-Sindku qalet illi jidher li is-*service road* tal-*By-Pass* fejn se jiftħu l-ħwienet kantuniera ma' Sqaq l-Isptar fiha ħafna ħofor u tinsab fi stat żdingat.

Charlene Zammit qalet illi kellha talba minn għand il-President tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija sabiex il-KLM jikkonċedilhom it-tieni kabbana fil-festa fil-By-Pass u għal toqba akbar fejn is-soltu jintrama' l-arblu l-kbir.

Charlene Zammit qalet illi kellha talba dwar għeluq tat-toroq fil-festa fiċ-ċentru tal-villaġġ. Il-KLM iddeċieda li ssir laqgħa mal-pulizija dwar din il-proposta.

Charlene Zammit qalet illi kellha talba biex jitħaffru ħofor għall-arbli fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju.

Charlene Zammit qalet illi waqgħet parti mil-ħajt *boundary wall* ta' plot fi Triq Karmenu Ciantar kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija minħabba kollużjoni ta' vettura.

Kien deċiż illi ssir ħarġa għal Għawdex nhar it-13 ta' Settembru 2017.

Dwar Jum l-Imqabba is-Sindku infurmat li kien hemm qbil li jsir kunċert, bil-kant u sketches mil-produtturi ta' *Kelma kelma nota nota*, nhar il-Ġimgħa 27 t'Ottubru fil-għaxija u nħallu l-kunċert tal-Banda għal nhar is-Sibt fil-għaxija.

Il-KLM iddeċieda illi l-fuljett għandu jieħu sura b'mod illi naqtgħulu l-ħafna kliem u jibqa' xorta wieħed informattiv b'ritratti attraenti. Il-KLM iddeċieda illi dan noħorġuh għal nofs Lulju u imbagħad ieħor f'Diċembru 2017.

Kienu diskussi punt 79.5 tal-minuti u l-ittra bir-risposta għall-Udituri għas-sena 2016 lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur kif ukoll dik ta' nuqqas ta' attendenza tal-laqgħat minn Anita Farrugia jinsabu għand is-Sindku għall-aħħar firma.

Is-Sindku tkellmet dwar Miżura 4.3 u 4.4. Il-KLM irreveda l-pożizzjoni tiegħu u se japplika wkoll għall-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq iż-Żurrieq u Triq Ħal Kirkop.

Charlene Zammit qalet illi għadna nistennew lill-Perit William Lewis biex jgħaddilna il-BOQs tax-xogħol antiċipat biex isir fuq it-toroq rurali.

Is-Sindku talbet sabiex jingħalaq l-isprall li hemm quddiem ir-Remissa Bar fil-Pjazza tal-Knisja permezz ta' pjanċa għaliex dan qed joħloq inkonvenjent b'ħafna irwejjaħ.

Is-smiegħ tal-arbitraġġ kien differit għal Ottubru wara li l-avukat ta' Schembri Barbros naqas milli jattendi.

**80.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Anita Farrugia semmiet ix-xogħol volontarju propost minnha. Hija qalet li Dar tas-Sagra Familja ta' Ħaż-Żabbar se jkunu qed joffrulna xogħol fil-ġnien tagħhom nhar l-1 ta' Lulju.

Grace Marie Mallia ilmentat minn bosta ħaxix ħażin fi Triq tax-Xantin u Triq il-Madonna tal-Ġilju, taħt il-bankina.

Il-kunsillieri Paul Spiteri, Michel Farruiga u l-Viċi Sindku kienu mħeġġa biex jaġġudikaw it-tender tal-knis tat-toroq peress li issa ilha ħafna li ħarġet.

Grace Marie Mallia talbet illi quddiem ir-residenza Julvic, fi Triq Valletta, għandu jitneħħa l-*yellow line* minn quddiem il-garage għax ir-residenti ma jriduħx. Hija talbet informazzjoni dwar it-tneħħija ta' parking bay minn quddiem ta' Farrugia fl-istess triq.

Grace Marie Mallia irreferiet għal *communal parking bay* fi Triq Valletta. Grace Marie Mallia talbet *feedback* mill-KLM dwar il-proposta ta' *sleeping policeman* fis-Service Road fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bejn Triq Dun Giacomo Tortella u Triq il-Kileb. Din se tinġabar mill-uffiċċju.

Charlene Zammit semmiet l-ilment tal-ilma tax-xita quddiem residenza fi Triq il-Lanġasa. Hawn intqal li bħal dan il-każ hemm oħrajn li għadhom pendenti u li biex tirranġahom trid ħafna flus.

Hawn issemmiet l-istima ta' €11,000 biex titranġa l-bankina ta' Triq Karmenu Ciantar.

**80.06 Regolamenti – Ġieh l-Imqabba**

Charlene Zammit qalet illi għandu jinħatar sotto kumitat iffurmat minn ħames persuni b'rappreżentant mis-soċjetajiet mużikali, il-Kappillan u rappreżentant mill-qasam tal-futbol u dan għandu jevalwa l-applikazzjonijiet. Il-KLM iddeċieda illi kunsillier illi jkun serva għal *aggregate* ta' 10 snin fil-KLM se jkun eliġibbli għal Ġieħ l-Imqabba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**80.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamemnti numru 533.

**80.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-KLM aġġorna l-laqgħa għal nhar is-17 Lulju, fis-6.00pm. Din il-laqgħa ntemmet fid-20.45.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17.7.17 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku